# Santa Tereża

***tal-Bambin Ġesu u l-Wiċċ Imqaddes***



Alecon hija belt ċkejkna u kwieta fin-Normandija, Franza. Din il-belt hija maqsuma fi tnejn bix-xmara li għaddejja minn nofsha, għalhekk ta' spiss ħafna minn nies tal-belt ikollhom igħaddu minn fuq il-pont zgħir u antik li jgħaqqad iz-zewġ naħat. Wiġi Martin kien għaddej bħas-soltu minn fuq dan il-pont biex imur fil-ħanut fejn kien ibigħ affarijiet tad-deheb u jsewwi l-arloġġi. Fiż-żmien xtaq li jsir reliġjuz mal-patrijiet ta' San Bernard, imma minħabba li ma kienx imħejji fil-Latin, ma laqgħuhx, u biż-żmien il-ħajra reliġjuza għebet.

B'danakollu baqa' bid-drawwa tal-quddiesa kuljum u bit-tqarbin ta' spiss. Għalxejn sħabu kienu jlumuh li qed jitlef ħafna bejgħ, għax qatt ma ried jiftaħ il-ħanut nhar ta' Ħadd. "Il-Ħadd u ta' Alla biss" kien jgħidilhom. Wiġi kif kien għaddej minn fuq il-pont ra xebba ftit mistħija. Ħaġa li qabel qatt ma kien għamilha, reġa' ħares lejn dik ix-xebba li kienet laqtitu bis-serjeta' tagħha. Kienet Zelja Guerin. Fiż-żmien hi wkoll xtaqet issir soru tal-Klawsura mas-sorjiet tal-Viżitazzjoni imma s-superjura għal raġuni jew oħra malajr qatgħatilha jiesha milli ssir soru.

Wiġi Martin u Zelja Guerin iżżewġu u kollhom disat itfal. Dejjem xtaqu li jkollhom tifel biex isir missjunarju. Imma l-erbat itfal subien mietu zgħar u baqgħalhom biss ħamest ibniet, Marija, Pawlina, Leonja, Ċelina u Tereża.

Billi l-familja Martin kienu għonja mhux ħażin, kienu jibgħatu 'l uliedhom f'kulleġi tajbin. Iżda l-ħajja fid-dar kienet l-aħjar skola. Il-jum tal-Ħadd kien ikun imħares bl-akbar reqqa. Filgħodu kulħadd għall-quddiesa kantata u wara nofsinhar għall-Għasar u priedka. Żelja kienet twajba ferm ma' wliedha imma ma kienet terħilhom f'xejn. Hija kienet tħobb taqra l-ħajjiet tal-qaddisin u darba waħda waqt li kienet qed taqra l-ħajja ta' Madame Acarie, li kellha wliedha kollha reliġjużi qalet: "Xi grazzja hi din li Alla jagħżel lil uliedek biex jgħixu għalih biss!" Alla din il-grazzja ta wkoll lil Żelja, imma ma kellhiex ix-xorti li tarahom reliġjużi f'ħajjitha, għax mietet.

www.fleurdelysparish.com

Wara t-telfa ta' martu, Wiġi Martin ħa l-familja kollha biex joqgħodu f' Lisieux fejn bagħat lil Ċelina u lil Tereża fl-iskola tas-sorijiet Benedittini.

Hemmhekk Tereża għamlet l-Ewwel Tqarbina li baqgħet tiftakarha bħala l-isbaħ "Jum ta' Ħajjitha". Tereża kienet tieħu pjaċir ferm tieħu sehem fil-purċissjonijiet tal-Ewkaristija u flimkien ma' missierha kienet issib l-għaxqa tagħha tisma' l-Kelma ta' Alla fil-knisja ta' San Pietru ta' Lisieux.

Ta' tnax-il sena Tereża mardet sewwa tant li ħutha tħassbu ferm jekk kienx hemm fejqan għaliha. Għamlu talb speċjali lill-Madonna msejħa tal-Vittorji u waqt li Tereża kienet għadha fis-sodda kważi mitlufa bid-deni li kellha dehrilha li rat lill-Madonna titbissmilha. Minn dak il-ħin Tereża bdiet ġejja għall-aħjar, sa ma fieqet. Hija issa diġa' kellha żewġ ħutha sorijiet Karmelitani u s-soru tal-Klarissi li wara kienet ħarġet u reġgħet daħlet mas-sorijiet tal-Viżitazzjoni. Tereża wkoll xtaqet issir soru imma s-superjura meta ratha qaltilha li għadha żgħira wisq, għax tal-anqas ried ikollha ħmistax-il sena. B'danakollu ma qatgħetx qalbha. Riedet tkun għal kollox ta' Kristu u ħadd ma kien se jbiddillha fehmitha.

Malli waslet għall-ħmistax-il sena qalet lil missierha bil-vokazzjoni li kellha. Huwa ħass ħafna l-ħsieb tal-firda li kien se jkollu jagħmel, iżda ma riedx iħassrilha u għamel kemm seta' għaliha. Marru għand il-Vigarju li kien jieħu ħsieb is-sorijiet Karmelitani, iżda dan bl-ebda mod ma ried jisma' li tifla ta' ħmistax-il sena ssir soru. Tereża ma qatgħetx qalbha, flimkien ma' missierha marret għand l-Isqof ta' Bayeaux u Lisieux biex jagħtiha l-permess li tidħol soru mill-aktar fis. Iżda għal darb'oħra t-talba tagħha kienet miċħuda. Għalhekk missierha wegħdha li joħodha f'pellegrinaġġ Ruma biex tara lill-Papa, li kien Leone XIII, u tgħidlu bix-xewqa tagħha.

Tereża flimkien ma' missierha u oħtha marru Pariġi biex jiltaqgħu mal-pellegrini. Inġabru fil-knisja tal-Madonna tal-Vittorja. Hemmhekk Tereża għal darb'oħra raddet ħajr lill-Madonna tal-fejqan mill-marda li kellha meta kienet ta' tnax-il sena. Tereża offriet ruħha bħala ballun f'idejn Ġesù biex jagħmel biha dak li jogħġob lilu.

Il-Pellegrinaġġ għal Ruma kien vjaġġ sabiħ ħafna. Tereża ħadet pjaċir bil-veduti sbieħ speċjalment tal-muntanji tal-Iżvizzera li kienu jfakkruha fil-kobor ta' Alla. Fl-aħħar din il-laqgħa waslet. Meta ġie l-ħin li Tereża tersaq ma' ġembu qalbha bdiet tħabbat sitta sitta. Hi talbitu biex iħalliha tidħol soru Karmelitana ta' ħmistax-il sena. Il-Papa ma kien jaf xejn fuqha, għalhekk ma setax jagħtiha tweġiba oħra ħlief biex tagħmel kif igħidilha l-Isqof tagħha. Ħarġet tibki kemm tiflaħ u għaliha l-bqija tal-vjaġġ ma tantx kellu aktar ħeġġa.

Minn dejjem hekk kien, dak li jrid Alla ma jħassru ħadd. Tereża rċeviet ittra mingħand is-Superjura tal-Monasteru tal-Karmelitani ta' Lisieux fejn għarrfitha li

www.fleurdelysparish.com

setgħet tidħol soru magħhom. Ferħet bla qjies u ta' ħmistax-il sena, fid-9 ta' April 1888, Tereża daħlet soru Karmelitana. Qabilha diġa kien hemm ħutha, Marija u Pawlina, sorijiet fl-istess monasteru. B'danakollu Tereża ma kellha l-ebda għajnuna speċjali. Is-Superjura Madre Marija Gonzaga kienet aktarx ħarxa magħha. Tereża ħadet il-libsa Karmelitana ta' Novizza disa' xhur wara u bdiet in-novizzjat b'ħerqa kbira. Il-ħajja taggħa fil-monasteru ma kellha xejn barra mis-soltu. Kienet tagħmel ħilitha biex twettaq id-dminirijet tagħha b'ħerqa kbira u biex togħġob lil Alla. Kienet toqgħod għal kollox u għal kulħadd u tobdi b'ħerqa kbira. Ma kinetx tfittex li tkun ma' ġenb ħutha biss, imma tara dejjem li taqdi u tferraħ lil min taraħ għandu bżonn l-għajnuna tagħha.

Meta waħda soru, xiħa u marida, ma tantx sabet min jieħu ħsieba, minħabba t-tgergir tagħha, Tereża offriet ruħha biex tieħu ħsieba hi u dik is-soru waqfet mit-tgergir.

Sour Tereża għamlet il-professjoni fit-8 ta' Settembru 1890. Saret soru bħall-oħrajn. Imma ħallewha fin-novizzjat biex tieħu ħsieb in-novizzi l-oħra. Hija għamlitilhom ħafna ġid, l-aktar bl-eżempji tagħha. Huma qatt ma semgħu lment minn fommha. Il-ġabra tagħha fit-talb kient issaħħar lil kulħadd. Wara ftit taż-żmien tawha wkoll id-dmir li tieħu ħsieb is-sagristija. Il-hena tagħha kien meta tkun qed tħejji l-kalċi u l-ostji għall-quddiesa. Tereża sofriet ħafna bit-telfa ta' missierha li kienet tħobbu ferm, imma ħadet kollox minn idejn Alla.

Wara l-mewt ta' missierha, oħta Ċelina daħlet ukoll soru Karmelitana u b'hekk ġew erba' aħwa f'monasteru wieħed, waqt li oħthom saret soru tal-Viżitazzjoni. Matul ir-rikrijazzjoni Sour Tereżin kienet tagħmel minn kollox biex tferraħ u ddaħħaq lil sħaba. Kellha ħabta kbira biex tirrakkonta l-ġrajjiet ta' tfulitha. Inzerta li oħta Pawlina kienet Superjura u meta semgħetha tirrakkonta b'dik il-ħlewwa kollha, ġieha ħsieb li tgħidilha biex tikteb l-istorja ta' ħajjitha. Tereża obdiet, u kitbet; "L-Istorja ta' Ruħ" li wara għamlitlu żjieda biex tfisser it-tfulija spiritwali. Dan il-ktieb għamel u għadu jagħmel ġid kbir ma' ħafna erwieħ.

Sour Tereża kienet tħobb ħafna l-missjonijiet, titlob għalihom u toffrilhom sagrifiċċji bla qjies. Kienet tikteb ta' spiss lil żewġ missjunarji u darba kienet lesta biex tmur f'monasteru fil-missjoni ta' Hanol. Imma x-xewqa tagħha ma ġietx mitmuma. B'danakollu Tereża offriet ruħha bħala vittma għall-imħabba ta' Alla, dejjem lesta biex tkun f'idejn Alla u jagħmel biha li jrid Hu.

F'Ħamis ix-Xirka tal-1896, Sour Tereża kienet għamlet siegħa adorazzjoni quddiem Ġesù Sagramentat flimkien mas-sorijiet. Għajjiena bix-xogħol tal-ġurnata u bil-funzjonijiet fil-knisja, marret biex tistireħ fiċ-ċella fqira tagħha. Malli nxteħtet fis-

sodda, fejn ġieli għaddiet iljieli sħaħ itterter bil-bard bla ma tista' torqod, f'daqqa waħda ħassitha ħażin. Baqgħet ġurnata bla ma tkellmet xejn. L-għada saret taf li dak ma kienx ħass ħażin ċkejken, imma l-bidu ta' marda li f'qasir żmien kellha tiftħilha l-bieb tas-sema. Sofriet u batiet ħafna bil-marda li ġiet fuqha. Matul din l-aħħar marda hija kompliet il-ktieb tal-ħajja tagħha, kif ukoll ħafna poeżiji sbieħ fuq l-Ewkaristija, il-Madonna u qaddisin oħra.

Fit-30 ta' Settembru kienet donnha ferħana aktar mis-soltu, ħassitha li l-jiem tagħha fuq l-art kienu spiċċaw. Imdawra minn ħutha u s-sorijet l-oħra kollha, għal kollox f'sensieha, bdiet tgħid: "Ġesù inħobbok... inħobbok". Sour Tereża tal-Bambin Ġesù u tal-Wiċċ ta' Kristu, kif kienet tissejjaħ mindu daħlet soru, ittajret lejn is-sema. Il-qima lejn Santa Tereża tal-Bambin Ġesù xterdet malajr ma kullimkien. Il-Papa Piju XI xandarha qaddisa fl-1925 u l-istess Papa ħatarha Patruna Prinċipal tal-Missjonijiet flimkien ma' San Franġisk Saverju. Il-Papa San Ġwann Pawlu II fl-1997 għamilha it-tielet duttur tal-Knisja.

Il-festa tagħha ssir fl-1 ta' Ottubru.

**www.fleurdelysparish.com**

Find us on

***fleurdelysmalta.parish***

*Ritratt: Pittura ta' Santa Tereża tal-Bambin Ġesu u l-Wiċċ Imqaddes, xoghol ta' Joseph Cauchi fuq bandalora li tkun armata fil-Festa tal-Madonna tal-Karmnu fi Fleur-de-Lys.*

www.fleurdelysparish.com